MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 321/2010

**Mario Camilleri ID 290154M**

**vs**

**Paul George Attard ID 10290 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta’ Gunju 2010, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lil attur is-somma ta’ elfejn, hames mija, tlieta u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€2,583.49c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2010, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lil attur s-somma ta' elfejn, hames mija, tlieta u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€2,583.49c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------